MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 14/2002/1

**Claudette Gauci**

**vs**

**Paolo Bonnici Limited, Chris Gauci, Wallace u Domenica konjugi Fino u Price Club Operators Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fis-7 ta’ Jannar, 2002, li in forza taghha, wara li ppremettiet:

1. Illi s-socjeta' konvenuta Paolo Bonnici Limited qeghda tippretendi li ghab-bazi ta' "*Credit Application Form"* zewgha Chris Gauci impenja ruhu personalment li jaghmel tajjeb ghal dejn ta' terzi u cioe ghal dejn tas-socjeta' Price Club Operators Ltd, kif jidher mill-kawza istitwita mill-istess socjeta' konvenuta fl-ismijiet Paolo Bonnici Limited vs Wallace Fino et, (Citazzjoni Numru 1706/01);

2. Illi fid-data tal-iffirmar ta' l-imsemmija "*credit application form"* u cioe' f'April 1998, bejn il-konjugi Gauci kienet tezisti il-kommunjoni ta' l-akkwisti, li giet xolta permezz ta' kuntratt ippubblikat fit-30 ta' Awissu 2001;

3. Illi l-iffirmar tal-*"credit application form"* imsemmija mill-konvenut Chris Gauci tista' tikkostitwixxi kuntratt ta' garanzija kif kontemplat fl-Artikolu 1322 (3) (h) tal-Kodici Civili, u ghalhekk tali att bhala att ta' amministrazzjoni straordinarju kien jirrikjedi l-kunsens ta' martu l-attrici wkoll;

4. Illi l-attrici saret taf b'tali dokument u obbligazzjoni mehdua minn zewgha biss meta giet notifikata bic-citazzjoni numru 1706/01 fuq imsemmija;

5. Illi l-attrici qatt ma tat il-kunsens taghha ghal tali azzjoni u obbligazzjoni u ghalhekk dak l-att ta' amministrazzjoni straordinarja tal-konvenut Chris Gauci huwa annullabbli minn martu l-attrici skond il-ligi;

6. Illi tali att ta' amministrazzjoni straordinarja sar minghajr il-kunsens tal-attrici u *ad insaputa* taghha u ghalhekk ma jeffettwax l-assi u l-passivi tal-kommunjoni ta' l-akkwisti li kienet tirregola s-sistema taz-zwieg taghhom sat-30 ta' Awissu 2001;

7. Illi dik il-garanzija inghata ukoll b'titolu gratwit;

Ghalhekk l-attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-obbligazzjoni personali li ha l-konvenut zewgha Chris Gauci sabiex jaghmel tajjeb ghal dejn tas-socjeta' konvenuta Price Club Operators Limited, kif fuq spjegat, hija nulla fil-konfront tal-kommunjoni ta' l-akkwisti u ma taffetwax l-istess komunjoni ta' l-akkwisti li kienet ezisenti bejn il-konjugi Gauci;

2. Thassar, tirrevoka u tannulla l-garanzija moghtija minn zewga l-konvenut Chris Gauci a favur tal-kumpanija konvenuta Paolo Bonnici Limited kif fuq spjegat;

Bl-ispejjez u b'riserva ta' kull dritt kontra l-konvenuti skondi l-ligi.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Paolo Bonnici Limited li in forza taghha ecceppiet:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ma jistghux jigu milqugha stante li:

1. L-iffirmar tal-*credit application form* minn zewg l-attrici kien ghalih att normali ta' gestjoni ta' kummerc u negozju fit-terminu ta' l-Artikolu 1324 tal-Kapitolu 16, u, ghalhekk, jorbot anke' l-komunjoni ta' l-akkwisti, u mhux necessarju li l-attrici tkun parti fuq dak id-dokument;

2. Anke' kieku jigi koncess, (li qed jigi kontestat) li l-att twettaq minghajr il-kunsens ta' l-attrici, m'humiex sodisfatti r-rekwiziti ta' l-Artikolu 1326 tal-Kapitolu 16, billi l-obbligazzjoni assunta minn zewgha fl-imsemmi dokument ma tikkrea l-ebda jedd reali jew personali fuq proprjeta' immobbli u lanqas ma nghataw minnu jeddijiet fuq mobbli f'titolu gratwitu. Bis-sahha ta' l-imsemmi dokument, zewgha nghata diversi koncessjonijiet mis-socjeta' eccipjent, indubbjament kollha vantaggjuzi u a beneficcju tan-negozju tieghu.

3. Salvi dejjem eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat li din il-kawza mxiet kontestwalment ma’ kawzi ohra bl-istess meritu jew meritu simili, u cioe’, dawk bin-numru 10/2002, 11/2002, 12/2002, 13/2002 u 1774/2001, ilkoll pendenti quddiem din l-istess Qorti;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet skambjati bejn id-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi f’din il-kawza jirrizulta li l-attrici u l-konvenut Chris Gauci kienu zzewgu fil-25 ta’ April, 1999; kienu zzewgu hawn Malta minghajr kitba ta’ zwieg u kwindi kien jopera bejniethom ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-artikolu 1316 tal-Kodici Civili. Dan is-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti giet terminata mill-konjugi Gauci b’kuntratt iffirmat f’Awissu tas-sena 2001, li in forza tieghu addottaw is-sistema tas-separazzjoni tal-beni.

Zewg l-attrici, il-konvenut Chris Gauci, hija persuna fin-negozju u ghamlet zmien, bi shab ma terzi persuni, tigextixxi *chain* ta’ *supermarkets* imxerda f’Malta u Ghawdex bil-kumpanija Price Club Operators Limited. Is-Sur Gauci kien wiehed mid-Diretturi ta’ din il-kumpanija. Peress li din il-kumpanija kellha l-htiega li tixtri, l-prodotti li riedet tbiegh, *in bulk* minghand diversi *wholesalers* lokali, dahlet fi ftehim maghhom biex tinghata *credit facilities* favorevoli. Ftehim simili gie ffirmat mas-socjeta’ konvenuta, Paolo Bonnici Limited, li offriet lis-socjeta’ Price Club *credit* ta’ disghin gurnata fuq somma ta’ LM125,000 valur ta’ prodotti. Dan il-ftehim gie iffirmat mis-

Sinjur Chris Gauci u Wallace Fino, it-tnejn Diretturi tas-socjeta’ Price Club Operators Ltd. Fuq din l-iskrittura, il-firmatarji assumew “*personal responsibility for payment”*. Ebda konsorti ta’ firmatarju ma deher jew iffirma dak il-ftehim, ghalkemm iz-zewg firmatarji kienu mizzewga dakinhar tal-konkluzzjoni tal-kuntratt u kien jopera fil-konfront taghhom ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti.

Irrizulta li s-socjeta’ Price Club Operators Ltd, ghaddiet minn problemi finanzjarji u waqghet lura fil-pagamenti. Is-socjeta’ Paolo Bonnici Ltd fittxet lill-kumpanija, lill-firmatarji u lil zwieghom personalment ghal-hlas. Il-kumpanija u l-frimatarji qed jikkontestaw dik il-kawza, pero’, fil-frattemp, l-attrici, mart id-Direttur Chris Gauci, ressqet din il-kawza li fiha qed titlob li l-kuntratt ta’ assunzjoni ta’ garanti ta’ zewgha jigi dikjarat null ghax sar *ad insaputa* taghha u minghajr il-kunsens taghha bi ksur tal-artikolu 1322 tal-Kodici Civili.

Skond l-artikolu 1322 (3) (h) tal-Kodici Civili, il-kuntratt ghal xi garanzija gie dikjarat li hu att ta’ amministrazzjoni straordinarja, u skond l-artikolu 1322(2) il-jedd li jitwettaq att simili “imissu liz-zewg mizzewgin flimkien”. Peress li l-attrici ma tatx il-kunsens taghha ghat-twettiq ta’ dak il-ftehim, hi qed titlob l-annullament tieghu a tenur tal-artikolu 1326 tal-istess Kodici Civili.

L-artikolu 1326 tal-Kodici Civili jaghti l-fakolta’ lil dik il-konsorti li ma tkunx tat il-kunsens taghha ghall-att straordinarju li jannulla dak l-att kemm-il darba dak l-att jkun dwar it-trasferiment jew il-holqien ta’ jedd reali jew personali fuq proprieta’ immobbli; meta dak l-att jkun dwar proprjeta’ mobbli, dan jista’ jkun annullat biss meta l-jeddijiet fuqhom ikunu nghataw b’titolu gratuwitu.

Ma giex allegat, f’dan il-kaz, li l-azzjoni attrici ma saretx fit-terminu impost bil-ligi.

Il-garanzija li ffirma l-konvenut Chris Gauci tolqot kemm proprieta’ immobiljarja, kif ukoll proprieta’ mobbli, u dan peress li garanzija personali tfisser li d-debitur ikun dahal responsabbli ghad-dejn bil-gid kollu tieghu, prezenti u

futuri, kemm mobbli kif ukoll immobbli. In kwantu l-garanzija tista' taffettwa l-proprieta' mobbli, qed jigi kontestat li din il-garanzija ma gietx iffirmata b'titolu gratwitu, u dan peress li bhala korrispettiv ta' dik il-garanzija personali gie koncess lill-kumpanija *credit facilities* ghal disghin jum fuq ammont kbir.

Apparti din il-kwistjoni, hemm il-kwistjoni l-ohra dwar jekk, *dato non concesso* li l-attrici ghandha ragun f'dak li qed tallega, ir-rizultat ghandux ikun in-nullita' tal-att kollu jew li l-obbligazzjoni naxxenti mill-ftehim tkun biss parafernali ghall-firmatarju Chris Gauci u mhux ta' piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn Chris Gauci u martu l-attrici.

Din l-ahhar kwistjoni giet trattata minn din il-Qorti kif presjeduta fid-decizjoni li tat illum stess fil-kawza fl-ismijiet "Angela Demarco vs David Demarco et", citazzjoni numru 1774/01 u, a skans ta' ripetizzjoni, issir ampia riferenza ghal-motivazzjoni ta' din il-Qorti kontenuta f'dik is-sentenza. Il-konkluzzjoni milhuqa minn din l-istess Qorti, f'dik il-kawza, hi li meta konsorti jirnexxi f'azzjoni taht l-artikolu 1326 tal-Kodici Civil l-att impunjat ma jigix imhassar *in toto*, izda jigi dikjarat biss li dak l-att ma jorbotx lill-komunjoni tal-akkwisti, izda lill-assi parafernali tal-firmatarju.

Din il-konkluzzjoni tkun, ovvjament, applikabbli anke ghal dan il-kaz jekk l-attrici tirnexxi fl-azzjoni taghha, izda l-ewwel hemm bzonn li jigi mistharreg jekk l-att in kwistjoni huwiex impunjabbli; jekk le, u l-att impunjat jitqies validu, allura ma jkunx hemm lok ta' stharrig ulterjuri tad-diversi punti sollevati mill-partijiet. Gia gie muri li l-ghoti ta' garanzija huwa att ta' amministrazzjoni straordinarja, pero', l-artikolu 1324 tal-Kodici Civili jiddisponi li att li normalment hu meqjus bhala att ta' amministrazzjoni straordinarju, jista' jsir minn konsorti wiehed u jkun validu, jekk dak l-att ikun att normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni tal-konsorti li jkun agixxa minghajr il-permess tal-parti l-ohra.

Trattat dan il-punt, din il-Qorti hi tal-fehma li komprizi fit-terminologija ta' att normali ta' gestjoni ta' negozju, wiehed ghandu jinkludi mhux biss l-atti gornalieri ta' kummerc, izda wkoll dawk l-attivitajiet li, ghalkemm ma jsirux fuq bazi regolari, huma pero' normali fil-kummerc u n-negozju. Il-Qorti tifhem li trid tinghata interpretazzjoni wiesa' lil dak l-artikolu, biex jigi li jkopri kull tip ta' negozju, anke wiehed eccezzjonali, li wiehed jistenna li jsir minn min ikun f'dak in-negozju, kummerc jew professjoni. Il-ligi, fil-fatt, ma tuzax il-kelma "regolari" jew "ta' kuljum" ghall-eccezzjoni, izda att normali, u att ikun "normali" skond in-negozju u z-zmien li fih sar l-att.

Hekk, per ezempju, fil-kawza "Bonnet vs Borg", deciza minn din il-Qorti (per Onor. Albert J. Magri) fl-20 ta' Jannar, 1999, intqal li self li persuna tiehu u l-ghoti ta' kambjali in garanzija ghar-restituzzjoni, hu att kopert bl-artikolu 1324. Fil-kawza "Simonds Farsons Cisk plc vs Celeste", deciza wkoll minn din il-Qorti (per Onor. G.Valenzia), fit-30 ta' Marzu, 2001, intqal li l-akkwist ta' self u l-iffirmar ta' *exclusive purchase agreement* mas-socjeta' attrici, huwa att li wkoll jaqa' taht l-artikolu 1324 tal-Kodici Civili. Hekk ukoll fil-kawza "Vassallo vs Bartolo", deciza minn din il-Qorti (per Onor. P.Sciberras) fis-27 ta' Gunju, 2003, intqal li persuna li huwa *pig-breeder* u li tefa' applikazzjoni fost il-membri tal-Ghaqda tal-Koperattiva ta' Min Irabbi l-Majjali Ltd. ghat-tmexxija ta' *terminal sire units*, ikun qed jagixxi permezz ta' att li jirrientra fl-attivita' kummercjali tieghu u kwindi jista' jagixxi wahdu taht l-artikolu 1324 tal-Kodici Civili. Dawn il-kuntratti ma kienux kuntratti li negozjant jidhol fihom kuljum, izda, fic-cirkustanzi tas-suq ta' illum, huma kuntratti li normali li min ikun fil-kummerc jiffirma.

Hekk ukoll, illum, in-negozju kollu kwasi jsir dejjem *tramite* kumpanija, u zgur li ftit issib kumpaniji li ma jkollhomx *overdraft* jew self ma' Bank. Hi prassi normali li l-Bank ma jaghtix dawn il-facilitajiet lill-kumpanija jekk ma jkollux garanzija personali mill-persuni li jmexxu dik il-kumpanija; din l-ghoti ta' garanzija personali hija att normali ghal dawk involuti fil-gestjoni ta' kummerc jew negozju.

L-istess jista’ jinghad ghal ghoti ta’ *credit facilities*, simili ghal dawk meritu ta’ din il-kawza. Il-*wholesalers* il-kbar soltu jbieghu jew *on a cash basis* jew *on credit,* u hu normali li meta jkollhom klient li jixtri hafna u b’mod regolari, ma jkunx pratikabbli li n-negozju jsir *on a cash basis*, imma jsir arrangament ta’ *credit facility*. Meta tinghata din il-facilita’, hu normali li l-*wholesaler* jitlob garanzija personali tal-persuni li jmexxu n-negozju, u dan biex ikopru ruhhom u jpattu ftit ghar-riskju li qed jiehdu meta jissuplixxu l-prodotti *on credit.*

Fil-kaz in ezami, il-kumpanija Price Club Operators Ltd kienet ghadha kemm inxtrat minghand l-operatur precedenti, u l-operaturi l-godda riedu jespandu u jkabru n-negozju. Dan bdew jaghmluh billi jiehdu *loans* u *credit facilities*, u hija haga normali, kif fil-fatt gara, li dawk il-*loans* li s-socjeta’ hadet minghand il-Banek jew il-*credit facilities* li hadet minghand diversi agenziji jkunu garantiti jew b’ipoteki specjali fuq proprieta’ immobiljari jew b’garanzija personali tal-istess opeaturi. Din hija haga normali mistennija fin-negozju, u zgur hadd m’ghandu jippretendi li jiehu *loan* jew *credit facility* u ma jofri xejn in garanzija tar-restituzzjoni. Li sehh f’dan il-kaz huwa negozju normali li jigri regolarment fis-suq tal-kummerc. Is-socejta’ talbet li jkollha facilitajiet ta’ kreditu adegwati, u s-socjeta’ konvenuta – kig ghamlu diversi *wholesalers* ohra – tat din il-facilita’ u esigiet garanzija personali da parti tal-operaturi tan-negozju, liema garanzija giet debitament moghtija *as a matter of course.* Dak il-ftehim, allura, huwa att li, fic-cirkustanzi, ghandu jitqies normali ai termini tal-artikolu 1324 tal-Kodici Civili u, kwindi, validu avvolja ffirmat minn konsorti wiehed biss.

Darba li din il-Qorti kkonkludiet li l-att in kwistjoni jaqa’ biex jigi regolat bl-artikolu 1324, irid issa jigi mistharreg jekk dak l-att kienx obbligu tal-komunjoni tal-akkwisti.

L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Frendo vs Zahra” deciza fil-31 ta’ Jannar, 2003, irrimarkat *obiter* li anke kieku l-att hemm impunjat kien jinkwadra ruhu bhala att normali ta’ gestjoni ta’ kummerc jew negozju, bl-ebda mod ma kien jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti. Bir-rispett kollu

lejn dik l-Onorabbli Qorti, din il-Qorti ma tikkondividix dan il-hsieb. Kieku att straordinarju li hu att normali ta' gestjoni ta' kummerc ma jorbotx il-komunjoni tal-akkwisti, ma jkunx hemm lok tar-regola introdotta bl-artikolu 1324, ghax bhala att straordinarju ezercitat minn konjugi wiehed biss ma jorbotx lill-komunjoni tal-akkwisti fih innifsu. L-iskop ta' l-artikolu 1324 hu intiz biex, fil-konfront ta' terz, il-komunjoni tintrabat anke meta att straordinarju jsir minn konsorti wiehed biss, basta li jkun att "normali" ta' gestjoni ta' kummerc. It-terz, allura, ma jkollux ghalfejn, kull darba, li jinnegozja ma konsorti jitlob li dan ta' l-ahhar igib il-parti l-ohra mieghu, ghax jaf li, bil-firma ta' parti wahda, xorta wahda jkun kopert.

Dan johrog car ukoll minn ezami tal-artikolu 1330 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jghid li meta l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti ma jkunux bizzejjed biex jithallsu d-djun li jkunu piz fuqhom, il-kredituri ta' dik il-komunjoni jistghu jinforzaw it-talba taghhom *in subsiduim* kontra l-beni parafernali tal-mizzewgin. B'dan pero', li jekk id-dejn in kwistjoni (u hawn qed nitkellmu fuq djun <u>tal-komunjoni</u>) jinholoq mill-esercizzju ta' negozju kif imsemmi fl-artikolu 1324, allura l-kredituri jistghu jinfurzaw dak id-dejn *in subsidium* fuq l-assi parafernali biss tal-parti li holoq dak id-dejn. Dan l-artikolu jikkonferma u, fil-fatt, qed jassumi li dejn mahluq kif imsemmi fl-artikolu 1324, huwa dejn tal-komunjoni, u huwa biss *in subsidium* li min holoq dak id-dejn ikun responsabbli ghalih bil-beni parafernali tieghu.

Ili ligi holqot sistema fejn qed tipprova tibbilancja l-interess ta' kull min hu interessat. Minn naha l-wahda, ghandek in-negozjant li, biex imexxi n-negozju tieghu fl-interess tal-komunjoni tal-akkwisti, m'ghandux ghalfejn ikaxkar lill-martu mieghu biex din takkumpanjah ghal kull att li jghamel, u t-terz jaf li, avvolja qed jinnegozja mar-ragel biss, warajh hemm il-komunjoni. Il-mara, ftit jew wisq, qed tiehu riskju ghax tista' ssib il-komunjoni mghobbija b'pizijiet ta' natura straordinarja li ghalihom ma tatx il-kunsens. Kontra dan, pero', ghandha mhux biss il-fakolta' li ccahhad lil zewgha milli jkompli jamministra l-komunjoni, taht l-artikolu 1325 tal-Kodici Civili, izda l-privilegg li tara li gidha parafernali ma jkunux jistghu jitmessu mill-kredituri

tal-komunjoni, u dan peress li dak l-att inholoq taht l-artikolu 1324. Il-ligi, bl-artikolu 1324, holqot eccezzjoni ghar-regola li att straordinarju mahluq minn konsorti wiehed ma jippregudikax il-komunjoni tal-akkwisti, b'dan, pero', li dik l-eccezzjoni ma twassalx ghall-effetti kollha tar-regola generali, u cioe', li l-mizzewgin jaghmlu tajjeb *in subsidium* b'gidhom personali ghad-djun tal-komunjoni. Dejn maghmul ai termini tal-artikolu 1324, jorbot lill-komunjoni tal-akkwist, u *in soliduim*, il-beni parafernali ta' dak biss li ta' lok ghal dak id-dejn.

L-obbligazzjoni in kwistjoni hi, allura, mhux biss obbligazzjoni valida li holoq ir-ragel ai termini tal-artikolu 1324 tal-Kodici Civili, izda wkoll hi obbligazzjoni li torbot lill-komunjoni tal-akkwisti allura ezistenti bejn il-konjugi Gauci.

L-attrici, f'din il-kawza, ghamlet riferenza wkoll ghall-fatt li, fil-frattemp, hi u zewgha ghamlu kuntratt li bih itterminaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u addottaw is-sistema tas-separazzjoni tal-beni. Dan il-kuntratt, pero', sar wara li gie ffirmat il-kuntratt in kwistjoni u wara li nholqu d-debiti li hargu minn dak il-ftehim. Dan il-kuntratt, ghalhekk, m'ghandux ikun ta' pregjudizzju ghall-interessi tal-kredituri li johorgu mill-ftehim in kwistjoni. Fil-fatt, l-artikolu 1244 tal-Kodici Civili jiddisponi li l-koppja tista' tbiddel ir-regim ekonomiku taz-zwieg, pero', dan isehh "minghajr hsara tal-jeddijiet tat-tfal jew ta' terzi persuni".

Ikun facli, altrimenti, ghad-debitur mizzewweg li, wara li jidhol fi djun bil-komunjoni tal-akkwisti taghmel tajjeb, jnaqqas jew adirittura inehhi din il-garanzija, billi jillikwida l-komunjoni u jassenja l-gran parte tal-oggetti lill-martu. Dan zgur m'ghandux jigi permess. Il-kuntratt ta' terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti mhux, ghal din l-raguni, qed jigi annullat, ghax dak ghandu jitqies validu, izda m'ghandux ikollu effett li jippregudika t-terzi. La darba giet xolta u deviza l-komunjoni, id-djun tal-komunjoni, allura ezistenti, jaqghu fuq il-partijiet individwalment, b'mod li issa, allura, it-tnejn li huma huma obbligati li, bl-assi parafernali taghhom (li issa tinkludi sehemhom mill-komunjoni tal-akkwisti), jaghmlu tajjeb ghad-djun tal-

komunjoni li kienu jezistu qabel it-terminazzjoni ta' dak ir-regim jew li huma konsegwenza ta' obbligazzjonijiet assunti waqt l-operat tal-komunjoni tal-akkwisti.

Fid-dawl tal-konkluzzjonijiet hawn milhuqa, m'hemmx lok li tigi mistharrga it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Paolo Bonnici ltd, u dan perss li gie dikjarat li l-att imwettaq mill-konvenut Chris Gauci hu att validu li jorbot lilu u lil martu *in solidum*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza, billi previa li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Paolo Bonnici Ltd, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------